MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## YANA MICALLEF STAFRACE

Seduta tat-12 ta' Mejju, 2011

Talba Numru. 845/2009

**Gumma Mohammed Amhamed ID 192507 L**

**vs**

**James Galea**

**It-Tribunal,**

**Ra** t-TALBA fl-AVVIZ fejn l-attur qed jitlob minghand il-konvenut elf, disa' mija, disgha u sebghin Ewro sebgha u disghin centezmi (€1,979.97c) ghal xoghol ta' kisi maghmul minnu fuq inkarigu tal-attur f'Awwissu 2009, liema ammont hu cert, likwidu u dovut.

Bl-imghax mill-20 ta' Awwissu 2009 sal-jum tal-hlas effettiv. Bl-ispejjes fosthom tal-ittra ufficjali nru 126/09 skond l-Art 166A. Il-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

**Ra** r-RISPOSTA li hi hekk:-

1. It-talbiet infondati fil-fatt u fid-dritt.

2. L-attur ma esegwiex kollox kif obliga ruhu li jaghmel u ma lestiex ix-xoghol li kellu jaghmel.
3. L-istima u kont huma esagerati, kunsidrat il-prezz fis-suq.
4. L-attur hu debitur tal-konvenut wara li esegwixxa appalt iehor mhux skond is-sengha u l-arti u ghalhekk ikkaguna danni lill-konvenut.
5. Ghalhekk it-talbiet ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontra l-attur.

**PROVI**

A1

**L-attur** qal li kien imqabbad jaghmel xoghol ta' gypsum u zebgha u soffitti. Dan ghamlu u tieghu thallas xi sena qabel kien qed jixhed (3 ta' Marzu 2010).

2

Xhur wara l-konvenut cempillu ghal xoghol iehor. Dan wara li fl-interval qatt ma sar kuntatt bejniethom. Dan it-tieni xoghol kien fuq barra, partikolarment f'*shaft* u xi appoggi.

3

Qabel beda x-xoghol, issuggerixxa li jaghti stima imma l-konvenut qallu li ma kienx hemm ghalfejn. Qallu "mhux int taf x'ghandek taghmel hawn".

4

It-tieni xoghol hadlu xahrejn, tista tghid imur kuljum. Meta kien fadal ftit irtokki talbu xi flus. Hu kien stima x-xoghol xi LM85 kompriza VAT. Billi kellmu fuq it-telefon, l-konvenut qallu li ried ikellmu wicc imbwicc. Meta ltaqghu qallu "mhux ser inhallsek qabel ma tirrangali s-soffitti illi kont ghamiltli qabel". Dan sar meta t-tieni xoghol kien kwazi lest (jonqos ftit appogg) u dwar dan qatt ma sar xi lment. L-attur esibixxi CD kontenenti *recording* li ghamel tat-tieni telefonata. Wara, fuq ordni tat-TRIBUNAL dan gie sfilzat.

B1

**J**

**ames Galea**, konvenut qal:-

“

Jien lill-attur qabbadtu diversi bicciet ta’ xoghol u din li hemm il-kwistjoni fuqha llum kienet l-ahhar bicca xoghol li qabaddtu. Waqt li kien qed jaghmel dan il-bicca xoghol gibt persuna ohra biex jaghmilli stima biex jaghmilli s-suffett. Dan mhux is-suffett li kien ghamilli l-attur imma suffett iehor biex oggongi mieghu. Din il-persuna li kienet Pierre tal-Gypsum qalli hu ma tantx kien kuntent li jaghmel din il-bicca xoghol peress li qalli li ma kienx komdu li jgongi x-xoghol tieghu ma dak li sar qabel jigifieri dak li sar mill-attur ghax skond hu ma kien skond l-arti u s-sengha u ma setax b’hekk jaghmel dan ix-xoghol. Fl-istess hin l-attur kien qed jaghmili x-xaft. Jien tax-xoghol kollu li ghamilli qabel kont hallastu. X-xoghol li fetahli l-kawza ghaliha l-attur ghadu mhux lest u x-xoghol li ghamilli s’issa mhux kollu tajjeb. Kien l-attur li qabad u telaq u mhux jien li keccejtu”.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

It-Tribunal iqis hekk:-

1 Hawnhekk ghandna zewg bicciet ta’ xoghol distinti minn xulxin u b’interval ta’ zmien bejniethom. L-attur qed jitlob hlas ghat-tieni bicca xoghol li, hu maqbul bejn il-kontendenti li ma tlestietx ghal kollox.

2 Dwar l-ewwel bicca xoghol il-konvenut qed jilminta minn xi difetti u in fatti ir-raba eccezzjoni tal-konvenut hi fis-sens li l-attur hu debitur lejh minhabba xoghol li l-konvenut jghid li sar hazin. It-TRIBUNAL ghandu quddiemu it-**tieni xoghol**, distint mill-ewwel xoghol. Ebda tpacija ma tista topera hlief bejn zewg debiti, li jkunu likwidi, certi u dovuti. Dan mhux il-kas fil-kawza prezenti u allura r-raba eccezzjoni ma tistax tigi milqugha.

3 Dwar il-prezz li qed jitlob l-attur, irrizulta li l-partijiet ma ftehmux minn qabel. L-attur jghid li hu kien

issuggerixxa li ssir stima qabel jibda x-xoghol u l-konvenut ma riedx u qallu li jhalli f'idejh, i.e. f'idejn l-attur. Hawn jigi osservat:

a) Il-konvenut ma meriex ix-xhieda tal-attur f'dan il-punt.

b) Ghalkemm l-attur ma jistax jitlob li jrid, minn naha l-ohra il-konvenut irid juri kif l-kont hu esagerat "meta wiehed iqis il-prezzijiet fis-suq". Il-konvenut ma gab ebda prova dwar "is-suq"

4 Meta anqas ma gie specifikat x'jonqos isir fit-tieni inkarigu, kollox jithalla fil-gudizzju prudenzjali tat-TRIBUNAL u f'dan, wara li jqis li ma jirrizultax li jonqsu affarijiet kbar, irid ikun gwidat mill-ekwita' li hi gwida mportanti f'dan it-TRIBUNAL

**DECIZJONI**

Wara li jqis kollox it-TRIBUNAL **jiddeciedi** billi fl-ewwel lok (1) **jichad** it-tielet eccezzjoni tal-konvenut (2) **jichad** wkoll ir-raba eccezzjoni (3) **jilqa** limitatament it-tliet eccezzjonijiet l-ohra billi jnaqqas il-*quantum* mitlub mill-attur u (4) **jilqa** t-talba attrici fl-ammont ridott ta' elf u hames mitt Ewro (€1,500.00c) u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur elf u hames mitt Ewro (€1,500.00c). Bl-imghax mil-lum sal jum tal-pagament effettiv.

Spejjez jithallsu kwart mill-attur u tliet kwarti mill-konvenut.

Bla pregudizzju ghal kull dritt spettanti lill-konvenut *si et quatenus*.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------